*TAGHRIF STORIKU*

minn

**Mons. Prof. Arturo Bonnici**



IR-RUŻARJANTI

# IR-REBHA TA' LEPANTO — REBHA TAR-RUZARJU

**Nhar il-Ħadd li għadda, f'ħafna parroċċi ta' Malta w Għawdex saret b'sollennità u devozzjoni l-festa tal-Madonna tar-Rużarju. Kemm hawn devozzjoni kbira lejn il-Madonna taħt dan it-titlu narawħ mill-għadd kbir ta' fratellanzi tar-Rużarju fiż-żewġ Gżejjer — 35 f'Malta u 10 f'Għawdex. Bħal snin oħra, f'Malta ħarġet proċessjoni mill-knisja ta' Portu Salvu u San Duminku tal-Belt. Fiha ħadu sehem żewġ Isqfijiet, il-Patrijiet Dumnikani, xi sorijiet, membri ta' Għaqdiet Kattoliċi, rġiel u nisa, u m'għandniex xi ngħidu, fratelli tar-Rużarju, jew Rożarjanti kif jissejħu ukoll.**

### IR-ROŻARJANTI

Il-bidu ta' dik il-fratellanza insibuħ fl-1575. Bdiet hekk. Fl-ewwel snin ta' dak is-seklu, kienet twaqqfet fi Spanja l-ewwel għaqda tal-Kavallieri tal-Ordnijiet Militari biex jieħdu ħsieb l-ikkundannati għall-mewt fl-aħħar tliet ijiem ta' ħajjithom.

Il-Papa għaqqad dik il-fratellanza mal-Ordni tal-Predikaturi, jew tad-Dumnikani, u rrikkmanda lill-fratelli r-reċita devota tar-Rużarju. L-isem tal-għaqda kien l-*Arċikonfraternita tal-Miżerikordja.*

Dik il-fratellanza twaqqfet ukoll fi Franza, fil-Boemja u fl-Italja, speċjalment ġewwa Firenze, u kienet ta' xprun biex il-kbarat ta' dawk iż-żmenijiet jinsew il-ġlied ta' bejnithom u jingħaqdu fi spirtu ta' karità lejn l-imsejknin.

Il-Kommendatur Edgar Montanaro, fi ktejjeb tiegħu, jgħidilna li l-Arċikonfraternita tar-Rużarju tal-Belt nibtet minn dik tal-Miżerikordja li semmejna.

Meta l-Kavallieri ġew Malta fl-1530, ħafna minnhom membri tal-Lingwi Spanjola, Franċiża, Boema u Taljana, kienu ġa fratelli tal-konfraternita tal-Miżerikordja fil-pajjiż tagħhom.

Għalhekk huma xtaqu u talbu biex jistgħu jingħaqdu f'Arċikonfraternita waħda Maltija. It-talba tagħhom ġiet milqugħa u fl-1575 ġiet imwaqqfa l-għaqda taħt l-isem ta' "Arċikonfraternita tas-SS. Rużarju", b'tifkira tar-rebħa kbira tal-Insara fuq it-Torok fil-baħar ta' Lepanto fis-sena 1571. Ftit wara, il-Grammastru La Cassiere żidilhom it-titlu "u tal-Miżerikordja", b'rikonoxximent tal-opri ta' ħniena li l-fratelli kienu jagħmlu mal-ġustizzjati, ħalli jmutu tajjeb u jiġu mgħotija difna nisranija.

Mal-Kavallieri bdew jidħlu f'dik l-għaqda nies sekulari u bnew il-kappella tagħhom fuq biċċa art li tawhom il-Patrijiet Dumnikani mgħaqqda mal-Knisja.

### IL-KNISJA TIFTAH DIRGHAJA U THADDANHOM

Bħal fl-imgħoddi, barra milli tmexxi l-quddiem id-devozzjoni tar-Rużarju, dik il-fratellanza għad għandha illum bħala dmir tagħha l-ħsieb tal-kundannati għall-mewt tagħmel talb speċjali għalihom, twassalhom sal-forka u tidfinhom.

Billi issa ilhu ma jkollna sentenza tal-mewt bil-forka — l-aħħar waħda kienet fl-1943 — nistħajjel li ħafna mill-qarrejja qatt ma rawhom lil dawk il-fratelli libsin konfratija bajda mħażżma minn qaddhom b'kurdun abjad, bil-kuruna tar-Rużarju, wiċċhom mgħotti bil-kapoċċ (ma tarax ħlief għajnejhom iżebbgu taħtu), ingwanti bojod u fuq rashom kappell abjad bil-faldi kbar imtellgħin fil-ġemb. Kienu joħorġu b'kaxxa żgħira f'idejhom jittalbu fit-trieqat ta' Malta, ħalli bil-flus li jiġbru jagħmlu suffragji lill-imgħallaq. Kien hawn xi nies kienu jitwerwru jħarsu lejhom. Boloħ!

Fiż-żmien, il-forka kienet issir fil-beraħ għall-publiku, bejn il-Furjana u Marsamxett, fil-post imsejjaħ għalhekk, "fuq il-Forok".

F'xi esekuzzjoni kienu jmorru hemm ħafna nies, imqanqlin mill-kurżità aktar milli mix-xewqa li jitgħallmu lezzjoni ta' gustizzja u jagħmlu att ta' ħniena lejn l-ikkundannat. B'hekk ħaġa ta' swied il-qalb kienet tinbidel fi speċi ta' festa.

Illum, jidhirli mill-1876 'l hawn, l-esekuzzjoni ssir fil-ħabs ta' Kordin quddiem nies tas-servizz u xi fratelli rożarjanti, li jwasslu l-mejjet sal-qabar, biex juru, kif darba qalli wieħed minnhom, illi l-bniedem miċħud mis-soċjetà, jekk ikun niedem, jiġi mħaddan mill-Knisja.

### IL-FESTA TAR-RUŻARJU

Il-fratellanzi tar-Rużarju kienu jeżistu sa minn qabel il-bidu tas-seklu XVI u xerrdu d-devozzjoni tar-Rużarju li kull fratell suppost li jgħid ta' spiss u bil-qalb. Meta, mbagħad fis-7 ta' Ottubru 1571, l-Insara għamlu rebħa kbira fuq it-Torok fil-baħar ta' Lepanto, il-Papa Piju V ordna li ta' kull sena, fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru ssir tifkira ta' dik ir-rebħa bir-reċita tar-Rużarju.

Il-Madonna kienet ġa uriet il-qawwa u l-għajnuna tagħha lill-Insara li jirreċitaw ir-Rużarju Mqaddes f'okkażjonijiet oħra u reġgħet uriet dik il-qawwa u għajnuna speċjali fid-data li semmejna.

Filwaqt li f'Ruma, kif xtaq il-Papa, kienet qed issir proċessjoni bir-Rużarju, fuq il-baħar ħdejn Lepanto, kienet qed titqabad it-taqbida qalila li fiha l-Insara ħarġu rebbieħa. B'hekk taw it-tieni kolp qawwi lit-Torok, wara dak li kienu qalgħu f'Malta sitt snin qabel.

Fl-1573, wara talba tal-Patrijiet Dumnikani, il-Papa Gregorju XIII ippermetta li ssir il-festa tar-Rużarju fil-knejjes fejn hemm xi artal dedikat lill-Madonna taħt dak it-titlu. titlu.

### IR-REBHA TA' LEPANTO

Għal min ma jafx, Lepanto hija belt fuq il-golf jew daħla ta' Korintu fil-Greċja. Fil-qedem il-belt kienet tissejjaħ *Naupaktus*, kelma griega li tfisser "tarzna", għaliex jingħad li l-Eraklidi bnew fiha flotta kbira.

Ħafna ġnus ħakmu dik il-belt, sakemm fl-aħħar waqgħet taħt ir-Rumani. Fi żmien l-Imperatur Ġustinjanu (527-65) terremot qered kważi għal kollox dik il-belt, li ġiet wara mibnija mill-ġdid.

Meta fis-sena 733 l-Imperatur Ljuni III għaqqad il-Knisja tagħha mal-Patrijarkat ta' Kostantinoopli, Lepanto saret belt ortodossa.

Fl-1498 waqgħet taħt idejn it-Torok u dawn bnew fiha fortizza kbira kontra l-Insara. Kien f'dan il-perijodu Tork li saret il-battalja li semmejna.

Wara t-telfa kbira tal-assedju ta' Malta, it-Toorok ma qatgħux qalbhom. Reġgħu armaw flotta u kienu qed ilestu biex jattakkaw Ċipru. San Piju V ra li t-theddida mussulmana fuq l-Ewropa kienet għada ma għaddietx u għalhekk fittex li jagħmel "Lega Qaddisa", jew għaqda bejn xi Qawwiet Insara, ħalli jagħti l-aħħar kolp lill-Infidili u jitfagħhom għal kollox u għal dejjem fl-Afrika u fil-Lvant.

*(Jissokta fil-paġna 5)*

# TAGHRIF STORIKU

(Jissokta mill-paġna 4)

Il-Lega saret. Mal-Papa ingħaqdu Spanja u Venezja tad-Dogi, li kellhom flottot imdaqqsa. Piju V b'hekk irnexxielu jiġbor mal-200 xini kbira u biċċiet oħra żgħar u mal-50,000 ruħ, lesti biex jitqabdu f'dik li kienet kunsidrata bħala Kruċjata, jew gwerra qaddisa għad-difiża tat-Twemmin Nisrani.

L-Insara ltaqgħu mat-Torok. Iż-żewġ flottot, kważi ndaqs, iġġieldu b'ħila kbira għal tliet siegħat. Iżda ir-rebħa ttajret fuq l-Insara. Huma tilfu 17-il xini u 7,500 ruħ; filwaqt li t-Torok tilfu 15-il xini mgħarrqa u 177 maqbuda mill-Insara flimkien ma bejn 12,000 u 15,000 ilsiera nsara qaddifa fuq dawk ix-xwieni. Storiċi oħra jagħtu ċifri oħra tat-telfa torka: 80 xini imgħarrqa u 130 maqbuda.

## IL-KAVALLIERI U L-MALTIN

Il-Kavallieri ta' Malta, li kienu dejjem jaraw fit-Torok l-aqwa għadu tal-Ordni tagħhom, ingħaqdu ma dik il-Lega u bagħtu tliet xwieni (galljuni) ekwipaġġjati kważi għal kollox mill-Maltin, avolja Malta kienet għada ma ħaditx ruħ mill-assedju tal-1565.

Wara r-rebħa reġgħu lura b'żewġ xwieni Torok maqbuda u b'sehem fil-priża tal-gwerra. Meta waslu Malta, ġew milqugħin b'ferħ kbir mill-Kavallieri u mill-Maltin.

## IL-PRINĊEP KMANDANT U KITTIEB

Tliet persunaġġi insara ta' min isemmi li ħadu sehem f'dik it-taqbida kienu Don Ġwann tal-Awstrija ħu r-Re Filippu II ta' Spanja u ġeneral suprem tal-flotta nisranija; il-valoruż Mark' Antonio Colonna, missier Fabrizju, ir-raġel ta' Anna, oħt il qaddis San Karlu Borromeo; u fl-aħħarnett, il-magħruf kittieb Spanjol Miguel de Cervantes, l-awtur ta' *Don Quichotte de la Manche*, li kien jiftaħar bis-sehem li ħa f'dik il-battalja, avolja ħa ukoll żewġ balal u baqa' ferut f'idejh ix-xellugija.

## SENA TA' TIFKIRIET

Din is-sena għanda ħafna konnessjonijiet mar - Rużarju Mqaddes. Fiha jaħbat it-tmien ċentinarju tat-twelid ta' San Duminku, magħdud bħala il-propagatur ewlieni tar-Rużarju fi żmien l-ereżija qalila tal-Albigiżi. Dis-sena ukoll, il-Papa għoġbu jagħti t-titlu ta' "Duttur tal-Knisja" lill-Santa Katarina minn Siena, li hi wkoll patruna tar-Rużarju.

Kif rajna qabel, mas-7 ta' Ottubru dħalna fir-raba' ċentinarju tar-rebħa nisranija f'Lepanto bil-għajnuna tal - Madonna *Auxulium Christianorum* u bis-saħħa tar-Rużarju Mqaddes.

Nitħejjew, għalhekk, ħalli nagħmlu tifkira xierqa ta' dik ir-rebħa u glorja ta' Marija. Il-fratellanzi tar-Rużarju, b'mod speċjali dik tal-Belt, għandhom jieħdu ħsieb din it-tifkira u l-poplu għandu jfittex li jkabbar il-għożża lejn il-prattika qaddisa tar-Rużarju, li kien dejjem l-arma l-aktar qawwija tan-Nisrani kontra d-demonju u s-segwaċi tiegħu.